# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 593/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Maurice Attard**

Seduta tal-1 ta' Novembru, 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Maurice Attard, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 479064M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli;

Nhar l-14 ta' Settembru 2008 ghall-habta ta' bejn id-9:00pm u l-10:00pm, bhala bniedem responsabbli mill-kumpanija maghrufa bhala 'Sonlit Ltd' li qieghda fi Triq Wied il-Blandun, Paola, u li bhala bniedem responsabbli mill-armar strutturali tad-dawl li kien gie armat u stallat fis-sit tal-parkegg li hemm biswit il-post maghruf bhala ta' Fra Ben, Bugibba/Qawra, b'nuqqas ta' hsieb,bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu,

jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, immonta hazin l-imsemmi armar strutturali tad-dawl bil-konsegwenza li dan waqa' ghal fuq diversi nies cioe fuq Vladyslava Kravchenko u kkagunalha offiza ta' natura gravi f'rasha u fix-xewka ta' daharha u li huma ta' natura dizabilita' permanenti, kif ukoll ikkaguna offizi ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet fuq Jenna Azzopardi, Graziella Abela, Duncan Galea, Claudia Muscat, Diadra Scorey, Jonathan Desira u Samantha Grima u dan skont ma kif verbalment iddikjaraw it-tobba Dr.Stephen Muscat M.D., Dr.Joseph Zahra M.D.,Dr.John Xuereb Curmi M.D., Dr.Konrad Borg M.D. tal-Isptar Mater Dei u l-Isptar Generali ta' Ghawdex respettivament.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' Novembru, 2016 li biha sabet lill-imputat Maurice Attard hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal ghaxar xhur prigunerija u ordnatlu jhallas l-ammont ta' €940.94 rapprezentanti spejjez peritali

Rat ir-rikors tal-appell ta' Maurice Attard, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Dicembru 2016, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar jew tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu l-piena;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

1. Din hija sentenza fuq l-eccezzjoni ta' nullita' tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti kif sollevata mill-appellant fl-ewwel aggravju tieghu. F'din il-lanjanza l-appellant jallega zewg ragunijiet ghaliex il-proceduri ghandhom ikunu dikjarati nulli u t-tnejn li huma konnessi mal-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew in-nuqqas taghha;

2. Fl-ewwel eccezzjoni, l-appellant josserva illi ma kienitx osservata l-procedura kif ravvizata fl-artikolu 370(3)(f) tal-Kodici Kriminali meta l-mertu kien jezorbita l-kompetenza tal-ewwel Qorti fejn allura l-appellant, wara li l-ewwel Qorti fil-kompetenza istruttorja taghha irceviet l-atti mill-Avukat Generali bl-artikoli li fuqhom deherlu li setghet tinstab htija (rinviju ghall-gudizzju), naqset milli tistaqsi lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja. Fis-sottomissjonijiet orali quddiem din il-Qorti, l-Avukat Generali jikkonferma illi din il-mistoqsija qatt ma saret izda dan in-nuqqas ma jgibx il-konsegwenzi allegati mill-appellant la darba d-difiza aderiet ma' dan billi ressqet il-provi taghha, ghamlet il-kontro-ezamijiet tax-xhieda tal-prosekuzzjoni, sahansitra xehed l-imputat nniffsu u ghamlet sottomissjonijiet u qatt ma qajmet din il-lanjanza quddiem l-ewwel Qorti;

3. Illi f'sottomissjonijiet ulterjuri l-Avukat Generali osserva ukoll illi llum il-gurnata l-kwistjoni hija sorvolata b'emendi fil-Kodici

Kriminali li ziedu l-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

4. Ikkunsidrat inoltre illi ghar-rizoluzzjoni ta' dan il-gravam huwa mehtieg li jkun mistharreg il-*quid juris* fiz-zmien tal-allegati reati u dik taz-zmien li fih zvolgew il-proceduri inkluz dak prezenti. Jibda biex jinghad illi, u bhala punt ta' tluq, wahda mill-kriterji li jistabilixxu l-kompetenza bejn il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u l-Qorti Kriminali hija l-piena li jgorr mieghu reat. Fil-kaz odjern, ghalkemm l-imputazzjoni hija wahda, fl-istess waqt tikkomprendi allegazzjoni ta' kommissjoni ta' offiza gravi b'rizultat ta' debulizza permanenti u ohra ta' offizi ta' natura hafifa fuq persuni ohra, lkoll kawza ta' nuqqas ta' tharis tar-regolament. Naturalment dik l-aktar gravi tkaxkar maghha dik minuri ghal-fini ta' kompetenza u ghalhekk kwantu r-reat l-aktar gravi ravvizat fl-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 kien jimporta piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sena jew multa mhux izjed minn €4,658.75;

5. Illi l-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali meta bdiet il-procedura kontra l-imputat kienet dwar reati li jgorru piena ta' mhux aktar minn sitt xhur prigunerija (art 370 (1) (b) Kodici Kriminali) [bl-Att VIII tal-2015 mizjuda ghall-sentejn prigunerija]. Stante li l-ewwel Qorti ma kellhiex il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz kontra l-imputat jitmexxa bil-procedura sommarja, il-Qorti procediet fil-kompetenza istruttorja taghha sakemm fil- 5 ta' Marzu, 2010 l-Avukat Generali baghat lill-imputat sabiex ikun gudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'

Gudikatura Kriminali skond kif jitlob l-artikolu 370(3)(b) u (c) tal-Kodici Kriminali bir-rizerva illi qabel il-Qorti tistaqsi lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jkun trattat bil-procedura sommarja tisma' lil dawk ix-xhieda indikati f'dak ir-rinviju ghall-gudizzju;

6. Illi l-artikolu appena indikat jipprovdi illi:

> **(b) Meta l-atti jintbaghtu lura lill-qorti sabiex tiggudika dak id-delitt, il-qorti ghandha tistaqsi lill-akkuzat jekk ghandux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi ittrattat bi procedura sommarja u taghtih, fid-diskrezzjoni taghha, zmien xieraq biex iwegeb ghal din il-mistoqsija.**

U hawn huwa, in parti, l-pern tal-kwistjoni skrutinata fejn l-appellant jallega illi din il-mistoqsija qatt ma saritlu u l-prosekuzzjoni ttenni li kien hemm il-kunsens tacitu tieghu billi mhux biss halla l-proceduri ghaddejjin talli ppartecipa daqs li kieku kien ta l-kunsens tieghu billi xehed huwa stess, ghamel il-kontro-ezamijiet tax-xhieda tal-prosekuzzjoni u ressaq xhieda in difesa;

7. Illi l-kompetenza tal-Qrati hija dejjem kwistjoni ta' ordni pubbliku ghaliex qorti ma tistax tassumi poteri li mhumhiex moghtija lilha bil-ligi. Issa, is-subartikolu (b) riprodott *supra* huwa mfassal b'mod illi l-Qorti **ghandha** taghmel dik il-mistoqsija lill-imputat. Apparti dan l-obbligu is-subartikolu huwa mfassal b'mod li jidher li hu in omagg tal-principju tal-kwistjoni tal-ordni pubbliku tant illi johloq certu solennita' fil-forma tal-mistoqsija billi jitfa' piz fuq il-Qorti li taghti zmien xieraq lill-imputat sabiex iwiegeb ghaliha. Ghalhekk din il-formalita' essenzjali li ma tistax tkun inferita jew dezunta

bhalma qed ikun argumentat mill-Avukat Generali u dan ghaliex bl-artikolu 370 huwa inkonfutabbli illi l-kompetenza tal-Qorti meta r-reat ikun jezorbita l-kompetenza original taghha hija radikata minn zewg elementi : l-ordni tal-Avukat Generali li l-kaz jinstema' mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali flimkien man-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghas-smiegh bl-istess procedura;

8. Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Carter** tas-7 ta' Dicembru, 2001 fejn kien ritenut illi meta jsir rinviju ghall-gudizzju fit-termini tal-artikolu 370(3), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Issa ghalkemm il-kwistjoni f'dawk il-proceduri kienet differenti minn dik in disamina billi dik kienet dwar sejbien ta' htija f'reat li mhux inkluz fir-rinviju ghall-gudizzju, il-principju tar-rwol ta' dak ir-rinviju jibqa' ugwalment validu hawn. Ifisser dan, illi l-formalita' rikjesta fit-tqeghid tal-mistoqsija u r-registrazzjoni tat-twegiba ma tistax tkun dispensata u hija wahda fatali;

9. Illi huwa minnu illi dan il-process ghadda minn taht idejn diversi Magistrati sakemm kien deciz, bl-ahhar Magistrat tizbriga l-proceduri sabiex ikun finalment konkluz. Huwa evidenti illi l-izball tan-nuqqas ta' tqeghid tal-mistoqsija baqa' jipperpetwa ruhu pjuttost b'kull Magistrat successiv li ma stenniex li dik il-formalita' ma tkunx sehhet fil-hin taghha. Jibqa' l-fatt izda, illi l-atti processwali juru li dan qatt ma sar u ghalhekk sa dan il-punt l-appellant ghandu ragun. Minkejja dan, izda, jehtieg li jkun konsiderat dak osservat mill-Avukat

Generali meta jghid illi stante li fil-mori l-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali zdiedet ghall-sentejn allura l-procedura tista' titqies bhala wahda salvata;

10. Illi kif gia osservat *supra*, il-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet emendata bl-Att VIII tal-2015 minn dik dwar reati punibbli b'sitt xhur prigunerija ghal dik ta' sentejn. Ukoll kif gia osservat, ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali inhareg fil-5 ta' Marzu, 2010 filwaqt illi s-sentenza appellata kienet prolatata fit-<u>30 ta' Novembru, 2016</u>. Issa, jista' jkun argumentat illi sal-jum li fih tinghata s-sentenza l-Qorti li tinduna b'dan l-izball tista dejjem taghmel il-mistoqsija u f'kaz ta' twegiba fl-affermattiv tistqasi ulterjorment jekk ikun mhetieg li l-provi jistemghu mil-gdid mid-data li fiha kellha tkun mqieghda l-mistoqsija, u l-proceduri jkunu sanati u s-sentenza prolatata. Dan izda ma sarx fil-kaz in dizamina u ghalhekk jista' jsegwi l-argument jekk bl-emendi tal-2015 kienx aktar mehtieg li ssir din il-mistoqsija la darba fiz-zmien tal-procedura ma kienitx aktar applikabbli stante zieda fil-kompetenza originali. It-twegiba ghal-din hija provduta fl-artikolu 1(2) tal-Att VIII tal-2015 li fl-emendi dwar, *inter alia*,iz-zieda fil-kompetenza orginali tal-Qorti tal-Magistrati ghal reati soggetti ghall-piena ta' mhux aktar minn sentejn prigunerija jipprovdi:

> **(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom japplikaw għalkull proċeduri kriminali li jkunu bdew <u>wara</u> li dan jiġi fis-seħħ ma għandhom bl-ebda mod jaffettwaw il-validità ta' kwalunkwe proċeduri legali li jkunu ġew konklużi <u>jew li jkunu għadhom pendenti fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ tiegħu</u>** [Sottolinear tal-Qorti].

11. Illi dan l-artikolu huwa car meta fi kliem iehor jipprovdi li z-zieda fil-kompetenza ma ghandha bl-ebda mod taffettwa il-validita' ta' kwalunkwe proceduri legali pendenti fiz-zmien tad-dhul fis-sehh tal-emenda. Dan huwa kliem tal-legislatur u ghalhekk huwa inkofutabbli li l-procedura li kellha taderixxi maghha l-ewwel Qorti sal-ghoti tas-sentenza kellha tkun dik fis-sehh daqs li kieku l-emenda qatt ma saret;

12. Ghalhekk hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi la darba n-nuqqas ta' osservanza tal-formalita' huwa wiehed fatali u la darba s-*saving clause* konsiderata fil-paragrafu ta' qabel dan tesigi adezjoni mal-procedura fis-sehh qabel l-emenda, l-kwistjoni dwar in-nullita' o meno ddur fuq il-procedura li **kellha** tintuza fiz-zmien tal-process fejn fl-istadju partikolari l-Qorti naqset milli tqieghed dik il-mistoqsija essenzjalment mehtiega biex tkun determinata l-kompetenza taghha anke jekk, *gratia argomenti*, jintlaqa' l-ewwel aggravju u l-atti jkunu rimandati lill-Qorti tal-Magistrati li issa hi moghnija b'kompetenza originali. Li kieku ma kienx hekk, din il-Qorti tkun qed tiehu konjizzjoni u tiddeciedi fuq sentenza li inghatat minn Qorti priva mill-kompetenza mehtiega biex tiddeciedi dwar dak il-mertu;

13. Illi ghalhekk, filwaqt illli tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni parti tal-ewwel aggravju u tal-aggravji l-ohra, in vista' tal-karenza fil-formalita' tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti liema formalita' hija wahda essenzjali, qed tiddikjara nulla u bla effett is-sentenza appellata. Stante li l-materja in kwistjoni mhix kolpita bl-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali fejn din il-Qorti altrimenti kienet tkun fl-obbligu li tiddetermina l-kaz mill-gdid

hi stess, u stante li l-allegati reati llum jirrientraw fil-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex tisma u tiddeciedi l-kaz mill-gdid.